# MOSTA - L-ORIĠINI TA' L-ISEM

minn Raymond CAUCHI



Naħseb li bħali, kull Mosti jixtieq li jkun jaf aktar dwar l-oriġini ta' l-isem tal-belt tagħna - "**Mosta**". Sfortunatament sa issa, għadu ma nstab xejn dokumentat dwar dan, allura wieħed irid jipprova janalizza l-istorja antika tal-belt tagħna u jasal għal xi konklużjoni li tagħmel xi ftit sens.

Nafu illi l-Istoriku E.B. Vella kien għamel xi tiftix mhux ħażin biex jipprova jasal għal xi tip ta' konklużjoni. Infatti fil-ktieb tiegħu ***Storja tal-Mosta*** semma erba' interpretazzjonijiet differenti li setgħu wasslu biex jingħata l-isem tal-belt tagħna. Kumment kurjuż ħafna huwa li fil-ktieb ta' Bollandi, ***Acta Sanctorum***, (Octobris, Vol. II, p. 80), iltaqa' ma "**Santa Musta**", iżda jgħid li kull ma sab ikkwotat dwar din il-qaddisa hu biss li kienet mietet Martri.

Ħaġa waħda hija ċerta. Minħabba l-fatt li l-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann waslu Malta fl-1535, Malta saret attrazzjoni akbar fid-dinja ta' dak iż-żmien. Ġara wkoll li f'dak iż-żmien, id-dinja bdiet tiġi interpretata kemm fid-daqs kif ukoll fl-għamla ta' l-art minn Kartografi famużi. Wieħed minn dawn kien Ortelius, li kien l-ewwel kartografu li ppubblika l-ewwel ***'Atlas Modern'*** fl-1570, u propju f'din il-pubblikazzjoni insibu mappa ta' Malta bl-isem "**Mosta**" elenkat ma' ħafna oħrajn.

Qabel dan naf fiż-żgur li xbiha oħra ta' Malta dehret fil-pubblikazzjoni ta' Ptolomey, iżda sa llum għad ma kellix l-opportunita` li nara din il-mappa u għalhekk ma nistax nikkommenta dwar il-Mosta - jekk tidhirx fuq il-mappa jew le. Dan Ptolomey kien Ġeografu u Astronomu Grieg li għex bejn it-80 u l-150 A.D., u għamel xogħol kbir li wassal kartografi kbar biex ifasslu l-art f'kull parti tad-dinja. Imma l-ewwel pubbli-kazzjoni tiegħu tmur lura għal x'aktarx l-1477, għax ħaġa stramba ħafna hi li x-xogħol tiegħu dam mistoħbi għal aktar minn millenju sħiħ!




*Mappa antika ta' Malta magħmula fl-1567*
*minn Giovanni Antonio Viperano fejn turi r-raħal tal-Mosta.*

Tul it-tmexxija tal-Kavallieri, insibu numru kbir ta' mapep ippubblikati minn żmien għall-ieħor u minn dawn stajt insegwi kif żviluppat il-Mosta f'dawn l-aħħar 450 sena. Nista ngħidilkom li l-Mosta dejjem dehret u interessanti mhux ftit tidher wkoll ix-xagħra ta' Santa Margerita u l-Kappella ta' San Pawl l-Ewwel Eremita li tinsab f'għar f'Wied il-Għasel. Jidher ċar li l-istudjużi li kienu jżuruna, dejjem interessahom ħafna il-Wirt Arkeoloġiku li għandna f'pajjiżna. Il-parti arkeoloġika kienet dejjem tiddomina l-kotba li ġew ippubblikati bejn is-16 u s-

17-il seklu. Saħansitra wieħed isib li l-ewwel immaġini ta' Malta li ġew ippubblikati kienu propju disinji ta' ħwejjeġ arkeoloġiċi li instabu f'Malta.



*Pittura ta' Mappa ta' Malta ta' Matteo Perez d'Aleccio fejn turi l-Armata Torka fit-18 ta' Mejju 1565 -*
***'La Venuta dell'Armata Turchesca a di` Maggio 1565' -***
*fejn tidher tajjeb il-Mosta bl-isem **'Lamosta'**.*

B'dan kollu naslu għall-konklużjoni li l-isem Mosta huwa antik aktar minn 500 sena. L-isfortuna hi li qabel dan iż-żmien ma stajt insib xejn aktar dokumentat dwar dan l-isem. Wieħed irid isemmi l-interpretazzjoni li ta l-Inġinier u Arkitett Ġorġ Grognet, fejn qal li l-isem Mosta ġej minn kelma qadima Atlantika **"mistur"**, li ġejja mill-kelma Latina ***"mysterium"***, li tfisser **"moħbi"**. Iżda kulħadd jaf li dan Grognet kien daħħal f'rasu li Malta hija biċċa minn **Atlandite** - "Belt qadima mitlufa". Għalkemm għamel minn kollox biex l-istudju tiegħu jiġi rikonoxxut, kollox baqa' bħal ma qal hu stess 'mistur'.

Filologu ieħor, Annibale Preca, qal li l-isem Mosta ġej mill-kelma Ebrajka **"Moza"** li tfisser **"ħarġa"**. Għaldaqstant Preca pprova jfisser li peress li l-Mosta hija magħmula minn wita sabiħa ta' art li minn ġo fiha għaddej wied mill-isbaħ, setgħet issemmiet hekk għax il-Mosta kienet propju il-post idejali fejn wieħed jista' joħroġ ħarġa. Għal darb'oħra ħadd ma qabel ma' din, għax Malta hija mimlija postijiet sbieħ fejn wieħed jista' joħroġ.

Fl-aħħar, l-Istoriku E.B. Vella jgħidilna li l-Professur Sir Temi Zammit, flimkien ma' għadd ta' Professuri oħra, qablu li l-kelma Mosta ġejja mill-kelma Għarbija **"Wast"**, li tfisser **"tpoġġi fin-nofs"**. Bil-Malti ngħidu 'fost' jew 'fustani', u jekk tħares lejn il-pożizzjoni ġeografika tal-Mosta, hija tinsab fin-nofs ta' Malta u mpoġġiha fost żewġ għoljiet. Naħseb li din id-definizzjoni li taw dawn il-Professuri hija ċertament ta' min jikkonsidraha bħala l-aħjar waħda, iżda għal darb'oħra xejn fiż-żgur.

Jekk tħares lejn x'qal kulħadd, issib li kollha jidhru li jaqblu li l-isem Mosta huwa qadim ħafna, aktar milli antik, għaliex ħaġa komuni hija li kollha qablu li l-isem ġej minn Kulturi mill-aktar qodma - dawk Atlantiċi, Ebrajki u Għarab.

Għalhekk nispiċċa biex ngħid li l-isem Mosta huwa qadim ħafna fiż-żgur għax fil-Mosta instabu ħafna oqbra Puniċi, ħofor tar-roti, *dolmens* u ħaġar ġgantesk. Dawn huma kollha provi eżistenti li l-Mosta kienet abitata sa minn ħafna snin Qabel Kristu. Għaldaqstant nemmen li l-isem Mosta seta ngħata lill-belt tagħna dak iż-żmien, għaliex appena grupp ta' nies jiddeċiedu li jibnu djarhom x'imkien, l-ewwel ħaġa li tiġi f'rashom, jekk kemm il-darba il-wita ta' l-art li għażlu biex jibnu djarhom fuqha għad ma għandiex isem, hija propju dik li jagħtuha isem. Għalhekk din il-komunita`, li mill-fdalijiet li nstabu fuq din l-art u b'mod speċjali fiż-żona ta' Santa Margerita, jidher li kienet numeruża. Din għammret fuq din l-art għal żmien twil u ma jistax ikun li ħallew l-art li fuqha kienu qegħdin jgħixu, mingħajr isem.

Ħafna mill-ibliet Maltin huma assoċjati ma' personaġġi storiċi jew inkella avvenimenti storiċi li ġraw propju fil-belt tagħhom. Fil-Mosta, sa issa, ma' nista' naħseb fl-ebda personaġġ jew avveniment storiku li l-isem jista' jkun assoċjat miegħu. Għalhekk nistgħu nikkonfermaw aktar li l-isem seta oriġina biss mill-pożizzjoni ġeografika tal-Mosta f'pajjiżna - pożizzjoni ċentrali.